# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 482/2014**

Il-Pulizija

vs

**Carmelo Cilia**

iben Anthony, imwieled Siggiewi, fit-12 ta' Novembru, 1952, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 28653(M)

Illum, 8 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Cilia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1) Talli Fit- 30 ta' Ottubru 2013 ghal habta tas-14.00hrs u fis- snin ta' qabel, fil-fond Alicia, Triq Pietru Felici, Siggiewi, zamm xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal- Ghasafar Selvaggi, kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u minghajr ma inghata l-permessi jew certifikati mill-Awtorita' kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur;

2) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, zamm xi ghasfur, kemm haj, kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment that id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll that il-ligijiet ta' dak l-istat membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004;

3) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli zamm fil-pussess tieghu, u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjun kif provdut fil-paragrafi (e) u (f) il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzamati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat;

5) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ipposjeda xi ezemplari ta' speci elenkati fi Skeda VI(a) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, meta ma kellux permess mahrug minn qabel mill-Awtorita' Kompetenti jew mid-Direttur;

Talli fis- snin ta' qabel:

6) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis- subregolament (1)(e) minghajr ma talab talba lid-Direttur li ghandu, fid-diskrezzjoni tieghu, jawtorizza bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment;

7) Fl- istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja taht xi disposizzjoni tal-Ordinanza tad-Dwana jew ta' kull ligi ohra, minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Ordinanza tad-Dwana jew ta' kull ligi ohra, minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, importa jew dahhal gewwa Malta jew esporta minn Malta l-arma tan-nar.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006, hek kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006, hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49(2) ta' l-A.L. 311 ta' l-2006, hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika fiz-zamma jew l-akkwist ta' xi licenzja, permess jew awtorita' mahruga taht l-istess regolamenti ghal zmien ta' mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 21 (5) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, LS 504.71, 21(1)(a) tal-Avviz Legali 311 tal-2006 hekk kif emendat AL 322 tal-2013, Reg 4(2) tas-SL 504.71 u l-artikolu 5(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' elf euro (€1000)u ordnat il-konfiska tal-ghasafar.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha :

1. **Tirriforma** s-sentenza appellata billi <u>**tikkonferma**</u> dik il-parti fejn l-appellat instab ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll dik il-parti fejn gie ikkundanat ihallas il-multa ta' elf ewro (€1,000);

2. T**irrevoka** l-parti l-ohra tas-sentenza konċernanti l-piena, fejn ma gietx ordnata l-konfiska tal-arma, b'dana, illi flimkien mal-multa ta' elf ewro (€1,000), din l-Onorabbli Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-arma ai fini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi sussegwentament, ai termini tal-artikolu 392A (2) tal-Kodiċi Kriminali, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat b'tali sentenza b'mod ċar u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex tinfliġġi l-piena fil-konfront tal-appellat. Dana qiegħed jingħad il-għaliex il-piena nflitta fuq l-appellat ma tigborx fiha dak kollu preskritt mill-liġi u dana hekk kif ser jiġi spjegat.

Illi hekk kif ġie spjegat, l-appellat fuq ammissjoni tiegħu stess, instab ħati wkoll talli mporta jew idaħħal ġewwa Malta xi arma tan-nar mingħajr il-liċenza jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija ai fini tal-artikolu 5(2) tal-Kapitolu 480. Illi minn eżami akkurat tad-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija jirriżulta li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt teskludi li timponi l-konfiska ta' arma regolari jew li kienet qed tinżamm jew tinġarr, giet akkwistata jew kienet fil-pussess, giet importata, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 480 bħala konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

Illi, galadarba l-imputat instab ħati tal-akkużi kollha hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu l-pieni li jġorru magħhom dawn l-akkużi riedu jiġu kkunsidrati 'lkoll fosthom il-konfiska tal-arma in kwistjoni iktar u iktar meta din l-istess arma hija rregolari ghax la ghandha ghamla jew marka u lanqas *serial number*.

Għaldaqstant, indubjament isegwi li l-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi varjata sabiex tali piena tkun tirrefleti dik il-piena applikabbli skont id-disposizzjonijiet tal-liġi relevanti fir-rigward tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ta' l-Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti kellha tordna wkoll il-konfiska tal-arma minhabba l-fatt li l-appellat ma kellhux licezja.

Illi l-partijiet infurmaw il-Qorti li l-appellat ghandu licenzja valida skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkkonferma s-sentenza appellata.